MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 575/2003

**Pater Finance Co. Ltd. (C 22643)**

**vs**

**Emanuel Galea u martu Carmen Galea**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm2,220) rapprezentanti import ta' ghoxrin (20) kambjala, kollha ta' Lm111-il wahda, debitament accettati u skaduti minn April, 2002, sa' Novembru, 2003, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 20 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza li sas-16 ta' Novembru, 2003 jammontaw ghal Lm166, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effetiv u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-2 ta’ Frar, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------